MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 139/2003

**APS Bank Ltd**

**vs**

**Simon Carbonaro u martu Anne-Marie Carbonaro**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s- socjeta' attrici ippremettiet illi permezz ta' zewg kuntratti, wiehed fl-atti tan-Nutar *Marthese Felice* tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) (Dok A) u l-iehor fl-atti tan-Nutar *Marco Farrugia* tad-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) (Dok B), il-Bank attur kkonceda lill-konvenuti *'in solidum'* bejniethom facilita' ta' *overdraft* sas-somma massima ta' sittax il-elf Lira Maltija (Lm16,000) u dana taht il-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-istess kuntratti.

Ippremettew illi permezz ta' kuntratt iehor fuq l-atti tan-*Nutar Marco Farrugia* tad-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) (Dok C) il-Bank attur ta' b'titolu ta' self lill-konvenuti *'in solidum'* bejniethom is-somma ta' ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) u dana taht il-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-istess kuntratt.

Ippremetta illi ghalhekk illum il-konvenuti *'in solidum'* bejniethom huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' sitta u ghoxrin elf mija tlieta u ghoxrin Lira Maltija u sittax il-centezmu (Lm26,123.16) dovuta in kwantu ghas-somma ta' dsatax il-elf u tnejn u disghin Lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm19,092.82) bhala bilanc ta' debitu ta' Kont Kurrenti Numru 11372731011 (Dok D) u in kwantu ghas-somma ta' erbat elef hames mija u zewg Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm4502.74) bhala bilanc ta' debitu ta' *Loan Account* numru 11372732039 (Dok E) u in kwantu ghas-somma ta' elfejn hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sittin centezmu (Lm2527.60) bhala bilanc ta' debitu ta' Kont Kurrenti numru 11372730015 (Dok F), oltre l-interessi ulterjuri b'effett mit-31 ta' Dicembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

Ippremetta illi ghalkemm debitament interpellati biex jhallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Talbet lill-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti *'in solidum'* bejniethom huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' sitta u ghoxrin elf mija tlieta u ghoxrin Lira Maltija u sittax il-centezmu (Lm26,123.16) dovuta in kwantu ghas-somma ta' dsatax il-elf u tnejn u disghin Lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm19,092.82) bhala bilanc ta' debitu ta' Kont Kurrenti Numru 11372731011 (Dok D) u in kwantu ghas-somma ta' erbat elef hames mija u zewg Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm4,502.74) bhala bilanc ta' debitu ta' *Loan Account* numru 11372732039 (Dok E), u in kwantu ghas-somma ta' elfejn hames mija sebgha u ghoxrin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm2527.60) bhala

bilanc ta' debitu ta' Kont Kurrenti numru 11372730015 (Dok F), oltre l-interessi ulterjuri b'effett mit-31 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-konvenuti *'in solidum'* bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' sitta u ghoxrin elf mija tlieta u ghoxrin Lira Maltija u sittax il-centezmu (Lm26,123.16).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *'in solidum'* inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Ottubru, 2002, u tal-mandati ta' sekwestru u qbid prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2002, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti *'in solidum'* mill-llum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas- socjeta attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba b' Lm6419.97 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew t-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta' Lm19,703.19 u bl-imghaxijiet ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru,2002,u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------